MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2009

Appell Civili Numru. 213/1998/1

**George u Miriam konjugi Grech**

**v.**

**Direttur tat-Toroq; Gatt Asphalting Limited; Kunsill Lokali ta’ Victoria; Raymond Gatt; Joseph Gatt; William Gatt; Carmelo Penza u Joseph Penza u b’digriet tat-13 ta’ April 2009 l-atti in kwantu jirrigwardaw lil Joseph Penza li miet fil-mori tal-kawza gew trasfuzi f’isem l-armla tieghu Yvonne Penza, Christopher sive Chris Penza u Randolph Penza.**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dawn huma zewg appelli mill-konvenuti Gatt Asphalting Limited u mill-Kunsill Lokali Victoria minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri, Gurisdizzjoni Generali fis-6 ta’ Frar 2006.
L-atturi appellati kienu pprezentaw citazzjoni fejn ippremettew u talbu hekk:

“Peress illi fis-sittax (16) ta' April elf disa' mija u tmienja u disgħin (1998) l-attur safa gravament ferut per konsegwenza ta' inċident stradali illi seħħ fi Triq it-Tmienja ta' Diċembru, Victoria;

“U peress illi l-inċident seħħ waqt illi l-attur kien qiegħed isuq il-mutur tiegħu Honda 175 cc bi *speed* moderat, minħabba l-istat perikolanti illi l-istess triq tħalliet fih waqt illi kien qiegħed isir xogħol fuqha mis-soċjeta` Gatt Asphalting Limited fuq inkarigu mogħti lilha mid-Direttur tat-Toroq jew/u mill-Kunsill Lokali ta' Victoria;

“U peress illi għal dan l-inċident jaħtu t-tlett konvenuti fuq imsemmija jew min minnhom minħabba illi naqsu illi jassiguraw illi x-xogħol fuq it-triq isir skond l-arti u s-sengħa; minħabba illi naqsu illi javżaw lis-sewwieqa b'mod adegwat bil-perikolu krejat bl-istess xogħlijiet; u ġeneralment għaliex huma jew min minnhom naqsu illi jieħdu prekawzjonijiet neċessarji sabiex jiġi evitat perikolu lis-sewwieqa;

“U peress illi l-konvenuti aħwa Gatt, u l-konvenuti Penza qegħdin jiġu ċitati mill-esponenti f'din il-kawża għaliex bħala Diretturi tas-soċjeta` konvenuta – tramite s-soċjetajiet Gatt Developments Limited u Ranfra Limited rispettivament – huma naqsu illi josservaw il-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' appalt mogħti lilhom mill-konvenuti l-oħra illi joħorġu polza tas-sigurta` kontra r-riskji għal terzi persuni u għalhekk huma responsabbli fil-konfront ta' l-atturi *caso mai* s-soċjeta` Gatt Asphalting Limited ma jkollhiex fondi biżżejjed minn fejn l-esponenti jiġu riżarċiti tad-danni sofferti minnhom;

“U peress illi l-istess Kunsill Lokali ta' Victoria għandu wkoll jiġi ritenut responsabbli fil-konfront tal-atturi f'din l-eventwalita` għaliex huwa naqas illi jassigura illi l-kuntratturi mqabbda minnu jkunu effettivament assigurati kif mitlub mill-*guidelines* u liġijiet oħra governanti l-mod ta' tmexxija ta' Kunsilli Lokali;

“U peress illi oltre l-ispejjeż neċessarji sabiex tissewwa l-vettura tagħhom, minħabba dawn il-ħsarat, l-attur George Grech sofra feriti f'ġismu illi minħabba fihom huwa għamel żmien ma jattendix għal xogħolu u illi inoltre ħallewh ibati minn debilita` permanenti kif sejjer jirriżulta dettaljatament waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

“U peress illi dan kollu qiegħed jikkaġuna danni emerġenti kif ukoll Lukri ċessanti lill-atturi;

“U peress illi għalkemm il-konvenuti ġew interpellati jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas tad-danni kollha sofferti mill-atturi, dawn baqgħu inadempjenti;
“U peress illi l-atturi jridu illi jiġu kumpensati ta' dawn id-danni.

“Ghidu ghalhekk intom konvenuti jew min minkom ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti:-

“1. Tiddikjara lilkom Gatt Asphalting Limited, Direttur tat-Toroq u Kunsill Lokali ta' Victoria jew min minnkom unikament responsabbli għal l-imsemmi inċident stradali;

“2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

“3. Tikkundannakom tħallsu dawn id-danni kif lilwidati;

“4. Inoltre tiddikjara illi intom konvenuti aħwa Gatt u Kunsill Lokali ta' Victoria responsabbli fil-konfront ta' l-atturi għar-riżarċiment tad-danni sofferti minnhom per konsegwenza ta' l-inċident fuq imsemmi fil-każ illi s-

soċjeta` Gatt Asphalting Limited tiġi dikjarata responsabbli għal dan l-inċident u din ma jkollhiex fondi biżżejjed minn fejn l-atturi jiġu riżarċiti ta' dawn id-danni, u dan għar-raġunijiet fuq premessi;

“5. Konsegwentement tikkundannakom sabiex tirriżarċixxu dawn id-danni, sussidjarjament għas-soċjeta` Gatt Asphalting Limited iżda b'mod solidali bejnietkom.

“Bl-ispejjeż, inklużi tal-ittra uffiċjali spedita fit-2 ta' Gunju 1998, u dawk tal-mandati ta' sekwestru preżentati kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni, kontra tagħkom jew min minnkom u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni illi għaliha minn issa intom inġunta.”

L-appellanti Kunsill Lokali ta’ Victoria kien ipprezenta nota ta’ l-eccezzjoniiet (fol. 18) fejn ressaq dawn l-eccezzjonijiet:-

“1. Illi fl-ewwel lok preliminarjament hemm l-irritwalita` ossija n-nullita` taċ-ċitazzjoni attriċi in kwantu tirrigwarda l-Kunsill Lokali ta' Victoria billi t-talbiet fil-konfront ta' l-istess Kunsill jiddependu minn fatti u ċirkostanzi ipotetiċi.

“2. Illi hemm ukoll l-irritwalita` tat-talbiet attriċi billi l-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Victoria, Għawdex, ġiet ekwiparata ma' dik tal-konvenuti aħwa Gatt minkejja li din hija ghal kwantu distinta u diversa.

“3. Illi l-*guidelines* imsemmija fiċ-ċitazzjoni ma jagħtu ebda jedd lill-atturi fil-konfront tal-eċċipjenti. Fil-fatt dawn huma l-kundizzjonijiet li jiġu mposti fuq il-kuntratturi li jinkludu l-obbligu tal-kuntrattur li jkollu polza ta' assigurazzjoni kontra riskji fil-konfront ta' terzi. Id-dritt tal-Kunsill li jesiġi din l-assigurazzjoni ma jistax jiġi interpretat u miftiehem bħala obbligu li jassigura li f'kull ħin il-kuntrattur ikollu din l-assigurazzjoni billi din hija ħaġa kompletament distinta. L-assigurazzjoni hija biss obbligu mill-kuntrattur favur il-Kunsill u ma jagħti ebda jedd lil terz.

“4. Illi n-nuqqas da parti tal-konvenuti Gatt Asphalting Limited li jadempixxi l-obbligi tagħha, b'ebda mod ma tista' titfa xi ħtija fuq l-eċċipjenti; l-ħtija tal-kuntrattur ma tistax tiġi trasmessa fuq l-eċċipjenti.

“5. Illi fil-mertu u mingħajr preġudizzju d-domandi attriċi huma nfondati fid-dritt u fil-fatt. L-aġir tal-Kunsill Lokali ta' Victoria, Għawdex kien wieħed strettament konformi mal-Liġi u x-xogħol kollu sar taħt is-supervizjoni ta' Perit Arkitett kompetenti.”

Il-konvenut Direttur tat-Toroqipprezenta nota ta’ l-eccezzjoniiet (fol. 21) fejn eccepixxa illi:-

“1. Illi huwa bl-ebda mod ma hu responsabbli għall-inċident *de quo*, u għalhekk ġie mħarrek inutilment.

“2. Illi huwa m'għandux ibati spejjeż.

“3. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri."

Is-socjeta` (illum ukoll appellanti) Gatt Asphalting Limited ipprezentat nota ta’ l-eccezzjoniiet (fol. 23) fejn eccepiet illi:-

“1. Illi t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma ma huma b'ebda mod responsabbli għall-inċident *de quo* liema inċident seħħ minħabba imperizja, negliġenza, nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur George Grech u dan billi huwa naqas li jżomm dak li huwa magħruf bħala *"a proper look-out".*

“2. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess ix-xogħlijiet li għalihom qegħdin jagħmlu referenza l-atturi saru fuq inkarigu u taħt is-superviżjoni tal-Kunsill Lokali ta' Victoria u d-Direttur tat-Toroq;

“3. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju s-soċjeta` konvenuta segwiet l-kundizzjonijiet fil-kuntratt ta' appalt mogħti lilha mill-konvenuti l-oħra ċioe` l-Kunsill Lokali ta'

Victoria u d-Direttur tat-Toroq u dan saru skond l-arti u s-sengħa.

“4. B'riserva ta' eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Il-konvenuti Raymond Gatt, Joseph Gatt u William Gattipprezentaw nota ta’ l-eccezzjoniiet (fol. 25) fejn eccepew illi:-

“1. Illi primarjament huma m'humiex il-leġittimi kontraditturi għat-talbiet ta' l-atturi stante illi huma biss diretturi tas-soċjeta` Gatt Development Limited li ma hijiex parti fil-kawża odjerna.

“2. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju huma għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-eventwali ġudizzju stante li x-xogħlijiet li għalihom qegħdin jirreferu l-atturi saru mill-konvenuti l-oħra jew min minnhom;

“3. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għas-suespost t-talbiet ta' l-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li huma ma huma b'ebda mod parteċipi responsabbli għall-inċident *de quo* u dan għaliex seħħ minħabba imperizja, negliġenza, nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-attur George Grech u dan billi huwa naqas li jżomm dak li huwa magħruf bħala *“a proper look-out”.*

“4. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju għall-premess ix-xogħlijiet li għalihom qegħdin jagħmlu referenza l-atturi saru fuq inkarigu u taħt is-supervizjoni tal-Kunsill Lokali ta' Victoria u d-Direttur tat-Toroq u dan skond l-arti u s-sengħa;

“5. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.”

Il-konvenut Joseph Penza kien eccepixxa a fol. 28:

“1. Illi, preliminarjament, l-esponent ma huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi, u għalhekk jitlob li jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju f'din l-istanza, stante illi, kif premess mill-istess atturi fiċ-ċitazzjoni

odjerna, l-esponent personalment ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika la mal-istess atturi u lanqas mas-soċjeta` Gatt Asphalting Limited;

“2. Illi, in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni fuq sollevata, l-esponent jitlob, fi kwalunkwe każ, illi jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju f'din l-istanza, in kwantu ebda waħda mit-talbiet attriċi ma hi diretta fil-konfront tal-istess esponent;

“3. Illi, in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq sollevati, l-azzjoni attriċi hija f'kull każ insostenibbli kontra l-esponent. Fiċ-ċitazzjoni odjerna, l-atturi qegħdin jitolbu r-riżarċiment ta' danni purament aquiliani, b'mod illi għalhekk l-istess atturi huma preklużi milli jibbażaw tali azzjoni fuq stipulazzjonijiet kuntrattwali illi per di piu jikkonsistu biss f’stipulazzjonijiet bejn it-terzi u kwindi jikkostitwixxu *res inter alios acta* għall-istess atturi, illi ma jistgħux għalhekk jimponu l-eżekuzzjoni tal-istess stipulazzjonijiet u, wisq anqas, tal-effetti tagħhom;

“4. Illi, in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq sollevati, l-azzjoni attriċi hija f'kull kaz insostenibbli billi, in kwantu hija diretta kontra l-esponent, ma teżistix fil-liġi Maltija u, fi kwalunkwe każ, għall-allegat nuqqas tal-istess esponent huwa semmai responsabbli biss fil-konfront tal-persuni illi magħhom ikkuntrattat is-soċjeta` konvenuta Gatt Asphalting Limited;

“5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari fuq sollevati, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, stante illi la l-esponent u lanqas is-soċjeta` Gatt Asphalting Limited ma taħti għall-inċident stradali in eżami u/jew għad-danni sofferti mill-atturi;

“6. Illi subordinatament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq sollevati, it-talbiet

attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, stante illi ma jirriżultawx id-danni allegati mill-atturi;

"7. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari fuq sollevati, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, stante illi ma huwiex minnu illi l-esponent naqas, kif jiġi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawża, fl-osservanza tal-kuntratt dwar ix-xogħol esegwit mis-soċjeta` Gatt Asphalting Limited.

"8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Il-konvenut Carmelo Penza eccepixxa a fol. 32:

"1. Illi, preliminarjament, l-esponenti ma huwiex il-leġittimu kontradittur għat-talbiet attriċi, u għalhekk jitlob li jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju f'din l-istanza, stante illi, kif premess mill-istess atturi fiċ-ċitazzjoni odjerna, l-esponent personalment ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika la mal-istess atturi u lanqas mas-soċjeta` Gatt Asphalting Limited;

"2. Illi, in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċezzjoni fuq sollevata, l-esponent jitlob, fi kwalunkwe każ, illi jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju f'din l-istanza, in kwantu ebda waħda mit-talbiet attriċi ma hi diretta fil-konfront tal-istess esponent;

"3. Illi, in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq sollevati, l-azzjoni attriċi hija f'kull każ insostenibbli in kwantu hija diretta kontra l-esponent. Fiċ-ċitazzjoni odjerna, l-atturi qegħdin jitolbu r-riżarċiment ta' danni purament aquiliani, b'mod illi għalhekk l-istess atturi huma prekluzi milli jibbażaw tali azzjoni fuq stipulazzjonijiet kuntrattwali, illi per di piu jikkonsistu biss f'stipulazzjonijiet bejn it-terzi u kwindi jikkostitwixxu *res inter alios acta* għall-istess atturi illi ma

jistgħux għalhekk jimponu l-eżekuzzjoni tal-istess stipulazzjonijiet u, wisq anqas, tal-effetti tagħhom;

“4. Illi, in linea preliminari wkoll, iżda mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq sollevati, l-azzjoni attriċi hija f'kull każ insostenibbli billi, in kwantu hija diretta kontra l-esponent, ma teżistix fil-liġi Maltija u, fi kwalunkwe każ, għall-allegat nuqqas tal-istess esponent huwa semmai responsabbli biss fil-konfront tal-persuni illi magħhom ikkuntrattat is-soċjeta` konvenuta Gatt Asphalting Limited;

“5. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari fuq sollevati, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, stante illi la l-esponent u lanqas is-soċjeta` Gatt Asphalting Limited ma taħti għall-inċident stradali in eżami u/jew għad-danni sofferti mill-atturi;

“6. Illi subordinatament ukoll, u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet fuq sollevati, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, stante illi ma jirriżultawx id-danni allegati mill-atturi;

“7. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjonijiet preliminari fuq sollevati, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw illi jiġu respinti, bl-ispejjeż kontra l-istess atturi, stante illi ma huwiex minnu illi l-esponenti naqas, kif jiġi ppruvat aktar dettaljatament fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza, fl-osservanza tal-kuntratt dwar ix-xogħol esegwit mis-soċjeta` Gatt Asphalting Limited.

“8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.”

**Decizjoni ta’ l-ewwel Qorti.**

L-ewwel Qorti ddecidiet il-kawza billi, filwaqt illi laqghet l-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti Direttur tat-Toroq, Raymond Gatt, Joseph Gatt, William Gatt, Carmelo Penza

u Joseph Penza u lliberathom mill-osservanza tal-ġudizzju, laqghet it-talbiet attriċi u ddikjarat lill-konvenuti Gatt Asphalting Limited u l-Kunsill Lokali ta' Victoria, ugwalment responsabbli għall-inċident mertu tal-kawża; illikwidat id-danni sofferti mill-atturi minħabba fl-istess inċident, fl-ammont ta' disat elef seba' mija u għoxrin Lira Maltija (Lm9,720); u tikkundanna lill-istess konvenuti jħallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi *in solidum* bejniethom.

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha.

“Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-atturi in segwitu għal inċident stradali li fih safa' mweġġa' l-attur, wara li waqa' minn fuq *motor-cycle* li kien qed isuq fi triq fejn kienu qed isiru xogħlijiet ta' *resurfacing* u laqat tappiera (ossia għatu ta' *manhole*). L-azzjoni esperita hi għalhekk dik bażata fuq il-Lex Aquilia,[1] li bażi tagħha jista' jkun id-delitt, f'każ ta' *dolo,* jew il-kważi delitt, f'każ ta' c*olpa*, kif jippretendu li hu l-każ preżenti l-atturi[2].

“Il-**Giorgi** jgħallem f'dan ir-rigward:

"*E' detta colpa in senso generale della nostra scienza qualunque violazione di un obbligo giuridico; anche la violazione dolosa. In senso piu' ristretto la parola colpa esclude il dolo, e significa volontaria omissione di diligenza, per cui non prevediamo le conseguenze illecite di una commissione od ommissione, e violiamo senza avvedercene un nostro dovere giuridico. Pero', si dice, che l'inadempimento dell'obbligazione dipende da colpa, quando sebbene la causa dell' inadempimento sia stata l'opera del debitore medesimo, costui non ne abbia avuta la coscienza, e solo abbia mancato di quella diligenza, che egli era tenuto di usare*."[3]
“FATTI

---

[1] 44 Dig. Del leg.aquil. IX, 2
[2] art. 1033 Kap.16
[3] Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italinao ed. 1903 vol. II. # 18 p.32 - 33

"L-inċident mertu tal-kawża ġara fi Triq it-8 ta' Diċembru, Rabat, Għawdex, fis-16 ta' April 1998 għal xi l-5.30p.m.[4] It-triq kienet imqaxxra biex eventwalment tingħata t-*tarmac.* Ġara illi waqt li l-attur kien qed isuq *motor cycle* tat-tip Honda 175cc *scrambler*, proprjeta` ta' ħuh Anthony Grech, laqat tappiera tat-triq bir-riżultat li waqa' u safa mweġġa' gravament u mill-isptar ta' Għawdex għadda għad-Dipartiment tal-Otolaryngology tal-isptar San Luqa. L-attur jilmenta minn diżabilita` permanenti konsistenti fit-telf tas-sensi tax-xamm u t-togħma, żarżir f'widnejh u sturdamenti[5].

"PROVI DWAR L-INCIDENT

"A skans ta' ripetizzjonijiet inutili qed issir referenza sħiha għal dak li jinsab riportat b'mod dettaljat f'dan ir-rigward fir-relazzjoni tal-abbli perit legali[6]. Huwa biżżejjed li jingħad hawnhekk illi rriżulta mill-provi illi l-attur kien qed isuq il-*motor cycle* ta' ħuh b'veloċita` moderata ħafna, hekk kif kien għadu kemm ħareġ bih mill-*garage* li għandu fl-istess triq fejn seħħ l-inċident *de quo.* Huwa kien liebes *crash helmet* u ma laħaqx saq wisq sakemm mess tappiera tad-drenaġġ li kien hemm f'nofs it-triq maqlugħa 'l fuq xi tliet pulzieri jew aktar. Ma kien hemm ebda sinjal f'dik il-parti tat-triq li jindika li kien hemm din it-tappiera u t-triq kienet kollha ġebel żgħir u trab[7]. Hekk kif il-mutur mess it-tappiera, inqaleb u l-attur tar minn fuqu għal tul ta' xi tliet karozzi u mal-waqa' ħabat rasu bil-konsegwenza illi ġarrab feriti serji u anke debilita` permanenti ta' sitta fil-mija (6%), kif stabilit mill-espert mediku fir-rapport tiegħu[8]. Ix-xogħol ta' *resurfacing* tat-triq fejn seħħ dan l-inċident, kien qed isir minn appaltatur, is-soċjeta` konvenuta "Gatt Asphalting Limited," fuq kuntratt mogħti lilha mill-Kunsill Lokali ta' Victoria, konvenut ukoll f'din il-kawża. Dam ikarkar diversi ġimgħat minħabba illi sadanittant riedu jsiru

---

[4] ara okkorrenza relattiva għal dan l-inċident esebita bħala Dok. SAL a fol. 211 - 213 tal-process.

[5] ara rapport ta' l-eżami mediku li sar mill-ispeċjalista inkarigat mill-Qorti a fol. 130.

[6] ara paragrafi 13 sa 62 a fol. 114 - 124 tal-process.

[7] ara ritratti dokti R 1 sa R 8 a fol. 247 - 254 tal-process.

[8] a fol. 130 - 132 tal-process.

xogħlijiet oħra fis-servizzi li kienu għaddejjin mill-istess triq.

"RESPONSABILITA`

"Ġew imħarrka diversi konvenuti f'din il-kawża u għalhekk ikun opportun f'dan l-istadju li jiġi stabilit jekk dawn jew xi ħadd minnhom għandux xi responsabbilita` għal dak li ġara.

"1. Id-Direttur tat-Toroq bħala kap tad-Dipartiment li għandu r-responsabbilita` għat-toroq arterjali fil-pajjiż ma jidhirx illi kellu b'xi mod x'jaqsam ma' dan il-proġett, li rriżulta li kien inizjattiva tal-Kunsill Lokali tar-Rabat, għamlu tajjeb għalih il-fondi tiegħu u ħa ħsieb ta' kollox hu. Id-Direttur la ndaħal fil-*planning stage* tal-proġett, la fit-*tendering* u lanqas fit-twettieq tiegħu u għalhekk taqbel mal-perit legali li kkonkluda illi dan il-konvenut bl-ebda mod ma jista' jiġi mplikat f'dan l-inċident.

"2. Ġew imħarrka wkoll fil-kapaċita` personali tagħhom: Raymond Gatt, Joseph Gatt, William Gatt, Carmelo Penza u Joseph Penza. L-aħwa Gatt ġew ċitati bħala diretturi fis-soċjeta` "Gatt Developments Limited" u l-aħwa Penza bħala diretturi tas-soċjeta` "Renfra Limited". Dawn iż-żewġ soċjetajiet, bħala *shareholders* tas-soċjeta` konvenuta "Gatt Asphalting Limited" qed jinżammu responsabbli mill-attur għax naqsu li jaraw illi s-soċjeta` li rebħet l-appalt tagħmel polza ta' assigurazzjoni kontra r-riskji għal terzi persuni, kif kien stipulat fil-kuntratt. Kif sewwa qal pero` l-perit legali, hawnhekk għandha danni minħabba l-*cupla aquiliana* u m'hemm ebda responsabbilita` kuntrattwali, li wara kollox l-attur ma kellu xejn x'jaqsam magħha. Taqbel għalhekk ukoll mal-perit legali f'dan ir-rigward u ma ssib ebda ħtija f'dawn l-individwi li ġew imħarrka inutilment.

"3. Il-fatt li t-tappieri f'din it-triq rriżultaw li tħallaw b'xifer jew ħniek 'l fuq mill-livell tat-triq, wara t-tqaxxir f'għoli ta' iktar minn tliet pulzieri mingħajr ebda sinjali, wassal lill-perit legali jikkonkludi li kien hemm nuqqas kbir da parti tas-soċjeta` "Gatt Asphalting Limited". Ma kienx

biżżejjed li jkun hemm *barriers* fiż-żewġt itruf tat-triq, speċjalment meta kien inevitabbli għan-nies li kellhom il-proprjeta` tagħhom f'dik it-triq, bħal ma kien fil-każ preżenti, li jidħlu u joħorġu minnha regolarment. Fi kliemu dan: "*Kien periklu kostanti li juri nonkuranza għall-ħarsien tan-nies da parti ta' din is-soċjeta`. Mhux biss kellu jkun hemm sinjali, iżda kellu jitħares li dawn ikunu tali li ma jistgħux jiġu rimossi.*" [9] Il-Qorti tikkondividi dan il-ħsieb u ssib li ċertament hemm responsabbilita` f'din is-soċjeta` għal dak li ġara.

"4. Il-Kunsill Lokali ta' Victoria (Rabat) ġie eżonerat mill-ħtija mill-perit legali, li laqa' l-linja difensjonali tiegħu fis-sens illi: " … *darba li l-kuntrattur ingħata l-appalt, kien dover tiegħu li jaħseb għall-ezekuzzjoni - ibda mill-otteniment tal-permessi u kompriżi, inter alia, il-miżuri ta' safety*" [10]. Bir-rispett kollu l-Qorti pero` ma taqbilx ma' din il-konklużjoni, billi jidher illi d-dottrina u l-ġurisprudenza hija aktar inklinata li xorta waħda takkolji ħtija fuq entita` pubblika, f'ċirkostanzi simili, minkejja illi tkun tefgħet l-obbligi konnessi ma' l-esekuzzjoni tal-kuntratt kollha fuq il-kuntrattur. Hekk insibu jiġi mgħallem per eżempju illi:

"*When a person employs a contractor to do work in a place where the public are in the habit of passing, which work will, unless precautions are taken, cause damage to the public, an obligation is thrown upon the person who orders the work to be done to see that the necessary precautions are taken and that, if the necessary precautions are not taken, he cannot escape liability by seeking to throw the blame on the contractor*." [11]

"L-istess insibu l-Qorti tal-Cassazione fl-Italja tidddeċidi illi:

"*Chiunque opera a contatto della collettivita' deve adottare ogni possibile cautela al fine di evitare che il suo operato determini danno agli altri. Un appaltatore pertanto, che*

---

[9] ara para. 81 tar-rapport peritali a fol. 127 tal-process.

[10] ibid. para 70, 71 a fol. 125.

[11] Charelsworth: On Negligence (2 - 304) fejn jiġi kkwotat Lord Justice A. L. Smith

*espliti lavori sulla strada, ha l'obblogo di accertarsi, prima dell'inizio dei suoi lavori, che l'Ente cui compete la manutenzione della strada abbia apposto le segnalazioni idonee ad avvertire i cittadini della preclusione al traffico su di essa durante il corso dei lavori, e nel caso che detto Ente non l'abbia fatto, ha l'autonomo dovere di provvedere in proprio alle segnalazioni non attuate dall'Ente."* [12]

“Ta' fehma simili jidher li huma l-Qrati tagħna meta adottaw il-prinċipju illi:

"… *kien jinkombi b'dover fuq l-awtorita' pubblika, u dan jgħodd ukoll għall-enti pubblika, responsabbli minn ċerti xogħlijiet, illi tassikura li l-użu tat-triq u l-flow of traffic jiġu żvolti mingħajr perikoli jew insidji. Dan bl-operat ta' dawk il-miżuri prekawzjonali li jħarsu l-inkolumita` ta' l-utenti jew tal-pedestrians li jkunu qed jagħmlu użu mit-triq. Hekk per eżempju billi tipprovdi guard rails, barriers u senjalazzjonijiet oħra adegwati. L-istess awtorita' jew enti pubblika għandha wkoll id-dover li tħares, b'indukrar suffiċjenti, illi fl-esekuzzjoni ta' xogħlijiet stradali, kuntratturi inkarigati jkunu qegħdin huma wkoll jieħdu l-miżuri protettivi għall-aħjar ħarsien tat-terzi. Jekk l-awtorita' jew enti pubblika tonqos f'dan tista', u għandha, issib ruħha rinfaċċjata minn domanda għar-riżarċiment tad-danni, kif hekk inhu proprju l-każ in speċje."* [13]

“Jirriżulta mill-provi illi l-Kunsill tar-Rabat kellu lil xi ħadd inkarigat proprju biex issegwi x-xogħol li kien qed iwettaq il-kuntrattur fil-persuna ta' William Mc Goey. Dan qal li kien *contracts manager* u supervisor mal-Kunsill Lokali tar-Rabat. Qabel l-inċident kien iżur is-sit kuljum, xi drabi aktar minn darba. Ma kellux dritt jagħti ordni lill-kuntratturi "*regarding the manner in which they do their work*". Imma mbagħad stqarr illi: "*I have some knowledge about safety. Had I noticed something unsafe I would have reported to Council … The street was full of dangerous things. I*

---

[12] Cass. Civ. 6.8.65; kif riprodott minn Roberto Rovelli: "Responsabilta" Civili e Penali per gli Incidenti delle Strade.

[13] Richard Fenech vs Rook Construction Limited et.: Prim'Awla: 3.10.2003; (sottolinear ta' din il-Qorti)

*would not have used it. Still there was no sign in the street."* [14] Minkejja dan pero`, ma ħassx il-ħtieġa li javża b'dan lill-Kunsill ħalli jkun jista' jieħu l-miżuri opportuni. Għalhekk il-Kunsill Lokali ta' Victoria ma jistax jaħrab mill-ħtija sempliċement għax ħalla kollox f'idejn il-kuntrattur.

"Jibqa' għalhekk sabiex jiġi determinat jekk tistax tiġi imputata xi ħtija fuq l-attur innifsu għal dak li ġara. Kif tajjeb jispjega l-perit legali:

"*l-attur ma għamel xejn ħażin li uża dik it-triq darba li ried jieħu l-m/cycle minn dak il-garage. Kien roaduser bla għażla oħra għalih. Ħadd żgur ma jippretendi li, minħabba t-tqaxxir tat-triq kellu jippriva ruħu mill-użu tal-m/cycle, waqt li t-triq iddum maqlugħa għal tant ġimgħat; b'ebda mod ma rriżulta li l-attur kien jitkessaħ bil-mutur. Fil-fatt hu kien sfortunat fil-waqgħa meta l-mutur miss il-ħanek u hu tar 'l quddiem u fil-waqgħa ħabat rasu."* [15]

"Madankollu l-avukat Dottor Micallef Stafrace deherlu illi ma setax jiskolpixxi għal kollox mill-ħtija lill-attur billi fil-fehma tiegħu dan naqas li jżomm *a proper look-out* aħjar, billi "*x-xorta tal-wiċċ tat-triq kien jitlob attenzjoni massima u din ma rriżultatx hekk min- naħa ta' l-attur."* [16]

"Din il-Qorti pero` lanqas ma taqbel mal-perit legali f'dan ir-rigward. Irriżulta inekwivokament mid-depożizzjoni tax-xhieda ta' Joseph Paul Galea, xhud okulari ta' l-inċident, illi t-tappiera bil-kemm kienet viżibbli bit-trab u ġebel żgħir illi kien hemm fuqha u madwarha[17]. Anke ħarsa lejn ir-ritratti esebiti turi illi din it-tappiera bil-kemm tingħaraf mill-bqija tat-triq[18]. Temmen għalhekk illi xejn ma kien faċli għall-utenti ta' din it-triq, u partikolarment għal min ikun għaddej fuq *motor-cycle*, bi *crash helmet* fuq rasu, li faċilment jinduna b'dawn it-tappieri. F'tali ċirkostanzi għalhekk ma tista' ssib ebda ħtija fl-attur.

---

[14] para. 44 - 49 tar-rapport peritali a fol. 121 - 122.
[15] para. 83 tar-rappport peritali a fol. 128 tal-process.
[16] para. 84 ibid.
[17] ara depożizzjoni tiegħu: para. 26 tar-rapport peritali a fol. 119.
[18] ara ritratti a fol. 247 - 254 tal-process.

"Għaldaqstant tikkonkludi dwar ir-responsabilita` billi ssib liż-żewġ konvenuti "Gatt Asphalting Limited" u l-Kunsill Lokali ta' Victoria, ħatja ndaqs għall-akkadut. Għar-raġunijiet hawn fuq elaborati, t-tnejn li huma kellhom jaraw illi ma jkun ebda perikoli fit-triq għal kull min kien jeħtieġu jgħaddi minn hemm, minkejja illi suppost kienet magħluqa għat-traffiku.

"LIKWIDAZZJONI TA' DANNI

"Fil-ligi taghna l-likwidazzjoni tad-danni hija regolata bl-Artikolu 1045 tal-Kodiċi Ċivili. Madankollu, kif ġie osservat mill-Qrati tagħna, f'din il-materja ma hemmx regoli fissi u nflessibbli, ma hemmx *quantitative scale* tad-danni, għax kollox jiddependi miċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Is-somma tad-danni hi rimessa għall-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi[19]. Fl-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni tagħha, il-Qorti qabel ma tasal biex tiffissa l-ammont, għandha tħares lejn iċ-ċirkostanzi molteplići, u tista' wkoll utilment tużgħa bħala *tests* biex tikkontrolla ċ-ċifra finali, id-diversi modi ta' kompitu suġġerit mill-ġurisprudenza estera f'dan ir-rigward, mingħajr ma tivvinkola ruħha b'xi wieħed minnhom partikolari, sabiex b'dan il-mod ikun dejjem hemm ċerta elastiċita` ta' kriterju adattabbli għall-partikolaritajiet ta' kull fattispeċie[20].

"Skond il-liġi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens*) u t-telf ta' qliegħ futur (*lucrum cessans*).

"Damnum Emergens:

"Minkejja illi dawn l-attur jitlobhom fiċ-ċitazzjoni tiegħu, naqas pero` li jġib ebda prova dwarhom, u għalhekk ma jista' jiġi likwidat xejn f'dan ir-rigward.

"Lucrum Cessans:

---

[19] Savona vs Asphar: Appell: 23.6.1952.
[20] Carmelo Fenech vs Antonio Galea; vol. XL. I. 73; Francis Galea vs. Bartolomeo Grech; vol. XLII. II. 1019.

"Dwar il-metodu kif jiġi komputat dan it-telf futur, ma hemm l-ebda regola fissa u l-Qrati tagħna adottaw diversi kriterji. Kif intqal pjuttost reċentement mill-Qorti ta' l-Appell: "*Jingħad illi l-qrati tagħna fil-pronunċjament tagħhom dwar kriterji li għandhom jintużaw biex jagħmlu tajjeb għall-inċertezzi ta' likwidazzjoni ta' danni li f'każijiet simili dejjem jagħtu lok għalihom, qatt ma rrinuzjaw għall-fakolta` diskrezzjonali tagħhom ….. Diversi drabi l-Qrati tagħna segwew il-prinċipji enunċjati fil-kawża 'Butler v. Heard'*[21]. Imma kif ġie enfasiżżat f'sentenza oħra ta' dik il-Qorti, ċċitata favorevolment fis-sentenza tagħha f'dik il-kawża:

*"Il-Qorti tara li fil-gurisprudenza taghna gie kemm il-darba mishuq li minkejja certi principji li jirrizultaw mill-gurisprudenza,dejjem ghandu jkun hemm certu elasticita` ta' kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wiehed ta' probabbilita`. Inoltre, id-danneggjat jinghata somma kapitali darba wahda biss, li meta tinghata b'sentenza m'hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista' jkun mar-rejalta'*[22]*."*

"Għal numru ta' snin il-Qrati tagħna fil-maġġjor parti tal-każi segwew rigorożament il-metodu stabilt ghall-ewwel darba fil-kawża "**Butler vs Heard**". Din il-kawża tat oriġini għal dak li jissejjah il-***multiplier system*** li fiha l-perċentwali tad-debilita' u l-qliegħ annwali tal-korrut jiġu moltiplikati bis-snin tal-ħajja lavorattiva bażata fuq il-*life expectancy* tiegħu miżjud b'perċentwali biex tagħmel tajjeb għall-inflazzjoni u żiediet fil-pagi, u b'riduzzjoni ta' certu ammont minhabba l-*lump sum payment*. F'dawn l-ahhar snin pero` dan il-metodu ta' kalkolazzjoni ġie modifikat sabiex ikun iktar rejalistiku u jieħu konsiderazzjoni aħjar taċ-ċirkostanzi taż-żminijiet attwali[23].

[21] Carmelo sive Charles Micallef et vs Richard Spiteri et: Appell: 15.1.2002.
[22] Francis Sultana vs. John Micallef et noe.et: Appell: 20.7.1994.
[23] Emanuel Mizzi vs Carmel.Attard: sentenza ta' din il-Qorti tat-13.5.2003

“Meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża l-attur kien impjegat mal-FXB Furniture bħala mastrudaxxa.

“Ma rriżultatx il-paga li kellu, imma l-perit legali, wara li qies *multiplier* ta' 27 sena, billi meta seħħ l-inċident l-attur kellu 34 sena, addotta qiegħ annwu ta' sitt elef Lira Maltija (Lm6000), li l-Qorti tħoss illi hija ċifra adegwata fiċ-ċirkostanzi.

“Fil-kawżi li segwew Butler vs Heard b’mod rigoruż, il-ħajja lavorattiva ma kienitx tiġi kkalkolata a bażi tas-snin kollha li kien għad baqagħalħa taħdem il-vittma, kieku ma seħx l-inċident, imma normalment kienet tittieħed ħajja lavorattiva ta’ għoxrin (20) jew ħamsa u għoxrin (25) sena. Illum-il ġurnata pero` meta l-*life expectancy* twalet sostanzjalment, tant illi ħafna pajjiżi qed itawwlu wkoll l-eta` tal-pensjoni, ma baqa’ ebda raġuni għaliex il-ħajja lavorattiva ma tiġix kalkolata kollha[24]. Kif ġia` ngħad, meta seħħ dan l-inċident l-attur kellu 34 sena[25] u għalhekk kien għad baqgħalu ħajja lavorattiva ta' 27 sena. Għalhekk l-ammont dovut irid jinħadem hekk: Lm6000 (paga bażi) x 27 (snin ta' ħajja lavorattiva) x 6% (debilita` permanenti) = Lm9720.

“Rl-EPILOGU

“Għaldaqstant l-ammont totali pagabbli lill-atturi in linea ta' danni kkaġunati per konsegwenza ta' l-inċident mertu ta' din il-kawża, huma s-segwenti:

“1. Damnum emergens: xejn.
“2. Lucrum Cessans: Lm9720.
“ Total ta': Lm9720”

**<u>Rikors ta’ l-appell tas-socjeta` Gatt Asphalting Limited.</u>**

[24] Agius vs. Galea et noe.: Kummerc: 11.7.1989; Buttigieg vs Azzopardi: Kummerc: 25.7.1989; Mario Camilleri vs Mario Borg: Prim’Awla:8.5.1990.
[25] ara certifikat tal-mewt tieghu: Dok. A a fol. 5 tal-process

Is-socjeta` Gatt Asphalting Limited appellat minn din is-sentenza u l-aggravji taghha jistghu jigu sintesizzati hekk:

Illi l-ewwel Qorti ma kellhiex ssibha responsabbili ta' l-incident billi hi ma kellha ebda tort ghall-akkadut. Il-Qorti, injorat kompletament l-fatt li l-attur kien jaf li fl-imsemmija triq kienu qed isiru x-xoghlijiet u ghalhekk kien jaf f'liema stat kienet u ma kien hemm l-ebda ostakolu li kien imprevist li seta' b'xi mod johloq perikolu ghas-sewwieq. L-attur George Grech kien juza din it-triq regolarment peress illi kellu garaxx fl-istess triq u kien jaf li kien hemm it-tappieri fin-nofs. Ghalhekk l-attur kellu joqghod aktar attent mis-soltu, kif anke kkonkluda l-espert nominat mill-ewwel Qorti. Jidher li l-Qorti ibbazat ruhha fuq xhud li qal li t-tappieri ma kienux jidhru izda, ghall-kuntrarju, jirrizulta mir-ritratti esebiti mill-istess atturi li t-tappieri kienu jidhru sew. Diversi xhieda qalu li fit-truf tat-triq kien hemm sinjali li jindikaw li kien qieghed isir xoghol u anke fuq it-tappieri kien hemm sinjal ta' periklu fil-forma ta' kantun b'borza mdaqqsa sabiex jidhru.

L-appellanti ssostni li l-attur kien qed isuq mutur – *scrambler* – li ma kienx saqu qabel, u ghalhekk kellu joqghod aktar attent. Ghalkemm l-attur ighid li kien ghaddej b'velocita` ta' 25 kilometru fis-siegha (li hi velocita` minima hafna) ghandu jirrizulta li hu kien ghaddej b'aktar minn dana l-i*speed* ghax kieku ma kienx jintrema minn fuq il-mutur u jtir qiesu tul ta' tlett vetturi u l-mutur jispicca zewg metri l-boghod mit-tappiera, kif ukoll ma kienx isofri dawk il-griehi hekk gravi li hu jilmenta minnhom. Ghalhekk l-attur jew kien qieghed isuq b'velocita` ferm aktar gholja, jew ma kellu l-ebda *crash helmet* jew dan ma kienx maqful jew ma kienx tajjeb ghall-uzu.

Is-socjeta` appellanti hassitha aggravata wkoll bl-ammont ta' danni likwidati bhala *lucrum cessans* partikolarment fir-rigward tal-paga li giet adottata bhala bazi ghall-kalkolu ta' dawk id-danni kif ukoll fir-rigward tal-percentwali ta' dizabbilita`. Issostni li l-atturi ma gabu ebda prova sabiex juru x'introjtu kellu l-attur George Grech meta sehh l-incident in kwistjoni. L-ewwel Qorti ma setghetx taqbad u

tadotta cifra li ma tirrizulta minn imkien u li dwarha ma ngabet l-ebda prova. Biex tkun korretta l-ewwel Qorti kellha almenu tibbaza l-kalkolu taghha fuq il-paga minima nazzjonali. L-appellanti tghid li ma tistax tifhem kif l-attur ighid li sofra debilita` permanenti fis-smiegh izda fl-istess hin, meta dahal lura ghax-xoghol wara l-incident, talab li jahdem f'ambjent b'inqas storbju. L-appellanti tistaqsi jekk l-attur baqax jisma' jew le, jew jekk dik id-dizabbilita` kelliex il-bidu taghha fl-ambjent storbjuz li l-attur kien u baqa' jahdem fih.

**<u>Rikors ta' l-appell tal-Kunsill Lokali Victoria.</u>**

Il-Kunsill Lokali Victoria appella minn din is-sentenza u l-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

L-ewwel aggravju hu li l-ewwel Qorti ma sabet assolutament l-ebda htija fis-sewqan ta' l-attur f'dan l-incident. Ighid li fit-triq in kwistjoni kien hemm sinjali li jindikaw li kien qed isir xoghol fiha u l-attur kien jaf b'dan, izda ma dehrlux li kellu jzomm attenzjoni ikbar min-normal. Issostni li l-attur kellu jzomm aktar attenzjoni billi kien qed isuq mutur *scrambler*, li ma kienx tieghu, u li hu ma kienx imdorri isuq. Fit-triq kien hemm sinjali li kienu qed isiru xoghlijiet, imma anke kieku ma kienx hemm, l-attur xorta kien jaf bl-istat tat-triq billi kien juzaha regolarment.

Fit-tieni aggravju ta' dan l-appellant jinghad li l-ewwel Qorti sabet lill-Kunsill Lokali responsabbili ghall-incident in solidum mas-socjeta` konvenuta Gatt Asphalting Limited. Jirritjeni li l-Qorti kellha tevalwa jekk l-Kunsill hax hsieb jew hax il-mizuri necessarji biex jassigura ruhu li x-xoghlijiet mill-appaltatur kienux qed isiru minghajr perikolu. L-appellant jghid li ma ngabux provi li l-Kunsill agixxa b'negligenza jew imprudenza anzi jirrizulta li hu ha l-mizuri kollha necessarji biex isegwi l-andamenti tax-xoghol u jassigura ruhu li t-triq ma kienitx qed tesponi l-pubbliku ghall-perikolu. Ix-xoghol kollu kien responsabbilita` ta' l-appaltatur.

Il-Kunsill hassu aggravat ukoll bl-ammont ta' danni likwidat, kemm ghar-rigward tal-paga kif ukoll fir-rigward tal-percentwali ta' dizabbilita`. Dwar il-paga, ighid li ma saret l-ebda prova dwar l-introjtu li kellu l-attur George Grech, mentri dwar id-disabbilita` jhoss li ma giex pruvat li din id-disabblita` kienet kagjunata direttament bl-incident in kwistjoni imma tista' tkun attribwibbli ghal xi cirkustanza ohra indipendenti mill-incident.

**Risposta ta' l-appellati.**

L-atturi appellati ma wiegbux bil-miktub imma fit-trattazzjoni orali sostnew li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi konfermata. Huma jsostnu li l-Kunsill Lokali kien responsabbili billi rrizulta li kien hemm il-perikolu u li l-Kunsill kien gie nfurmat bih. Ighidu li ma kienx hemm sinjali fit-triq biex jindikaw li kien hemm il-perikolu u ghalhekk l-appellanti l-ohra Gatt Aslhalting Limited huma responsabbli wkoll.

**Fatti**

Illi din hija kawża għad-danni magħmula mill-atturi in segwitu` għal inċident stradali li fih safa' mweġġa l-attur George Grech, wara li dan waqa' minn fuq il-*motor-cycle* li kien qed isuq fi triq li fiha kienu qed isiru xogħlijiet ta' *resurfacing* bit-tarmak. Hu laqat tappiera bil-mutur u b'rizultat waqa', habat rasu u wegga gravement. L-attur jilmenta minn dizabbilita` permanenti konsistenti fit-telf tas-sensi tax-xamm u t-toghma.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti.**

**Responsabbilita` ta' l-attur**

Iz-zewg appellanti ressqu bhala aggravju li l-ewwel Qorti ma sabet assolutament l-ebda htija fis-sewqan ta' l-attur f'dan l-incident.

Dwar is-sewqan ta' l-attur l-espert nominat mill-ewwel Qorti kien ikkonkluda li (ara para 83 sa 84 tar-relazzjoni a fol. 127 u 128 tal-atti):

"1. L-attur ma ghamel xejn hazin li uza dik it-triq darba li ried jiehu l-*motor-cycle* minn dak il-*garage*. Kien *roaduser* bla ghazla ohra ghalih. Hadd zgur ma jippretendi li, minhabba t-tqaxxir tat-triq kellu jippriva ruhu mill-uzu tal-*motor-cycle*, waqt li t-triq iddum maqlugha ghal tant gimghat!

"2. B'ebda mod ma rrizulta li l-attur kien "jitkessah" bil-mutur. Fil-fatt hu kien sfortunat fil-waqgha meta l-mutur miss il-hanek hu tar 'l quddiem u fil-waqgha habat rasu.

"3. Pero` l-esponent ma jistax jiskolpa kompletament lill-attur minn dak li gara ghax l-attur messu zamm *"proper look-out"* ahjar. Ix-xorta tal-wicc tat-triq kien jitlob attenzjoni massima u din ma rrizultatx hekk min-naha ta' l-attur. Fil-fehma ta' l-esponent il-htija u responsabbilita` ghal dak li gara ghandha tigi merfugha kwantu ghal terz mill-attur."

L-ewwel Qorti ma qablitx ma' din il-konkluzzjoni ta' l-espert minnha nominat u qalet li:

"Din il-Qorti pero` lanqas ma taqbel mal-perit legali f'dan ir-rigward. Irriżulta inekwivokament mid-depożizzjoni tax-xhieda ta' Joseph Paul Galea, xhud okulari ta' l-inċident, illi t-tappiera bil-kemm kienet viżibbli bit-trab u ġebel żgħir illi kien hemm fuqha u madwarha[26]. Anke ħarsa lejn ir-ritratti esebiti turi illi din it-tappiera bil-kemm tingħaraf mill-bqija tat-triq[27]. Temmen għalhekk illi xejn ma kien faċli għall-utenti ta' din it-triq, u partikolarment għal min ikun għaddej fuq *motor-cycle*, bi *crash helmet* fuq rasu, li faċilment jinduna b'dawn it-tappieri. F'tali ċirkostanzi għalhekk ma tista' ssib ebda ħtija fl-attur".

Din il-Qorti taqbel ma' l-espert nominat mill-ewwel Qorti li l-attur kellu htija wkoll f'dana l-incident ghas-segwenti ragunijiet,

[26]ara depożizzjoni tiegħu: para. 26 tar-rapport peritali a fol. 119.
[27] ara ritratti a fol. 247 - 254 tal-process.

L-attur kien jaf it-triq in kwisjtoni kienet perikoluza billi kienet imqaxxra u mharbta, u li kienu qed isiru xoghlijiet fiha.  Huwa kien midhla tal-post billi ghandu garaxx f'din l-istess triq; ghalhekk il-perikolu li kien hemm ma kienx xi wiehed imprevedibbili. Hu kien jaf li kien hemm it-tappieri fin-nofs tat-triq u li kienu merfugha mill-art. Dawn kienu perfettament vizibbli.  Jirrizulta wkoll li meta gara l-incident kien ghadu d-dawl; l-incident gara ghal habta tal-5pm / 6pm f'Mejju meta dak il-hin ikun ghadu d-dawl.
PS  346 John Saliba a fol. 135 ighid li "*l-manholes tarahom, mhux le; izda kien hemm fit-triq iz-zrar*". Ghalkemm huwa veru li ma' dawn it-tappieri kien hemm it-trab u z-zrar izda dawn it-tappieri kienu merfugha mill-art xi tlett pulzieri, erbgha, u kienu vizibbili sew, u l-appellat kien jaf li kienu hemm. It-triq kienet ilha f'dak l-istat ghal gimghat shah qabel ma gara l-incident. Joseph Galea, li ghandu garaxx f'dik it-triq bhall-appellat, ighid li hu kien ighaddi minn hemm kuljum u mat-tappieri qatt ma habat (fol. 161). Taddeo Farrugia wkoll xehed li hu dejjem kien juza t-triq u kien johrog l-*coaches* f'dik it-triq u kien jaf b'dawn it-tappieri.

F'cirkostanzi bhal dawn l-attur kellu jzomm massima attenzjoni fis-sewqan tieghu, kif irrelata l-espert, billi hu kien konxju b'dawk il-perikoli; izda jirrizulta li l-attur ma kienx qed izomm dik l-attenzjoni. Dakinhar ta' l-incident l-attur kien qed isuq mutur *scrambler* ta' huh li ma kienx solitu jsuq. Huh, Anthony Grech xehed li ghal min ma jafx isuq *scrambler,* it-triq kienet perikoluza u fil-fatt dak iz-zmien hu ma kienx juza l-i*scrambler* ghax it-triq kienet imharbta.

Ghalkemm l-attur appellat jikkontendi li ma kienux thallew sinjali biex jindikaw li kien hemm perikolu fit-triq, din il-Qorti hi tal-fehma li f'dana l-kaz, ghalkemm jirrizulta li xi tip ta' sinjali kienu tpoggew izda dawn imbaghad tnehhew jew gew mcaqilqa, dan in-nuqqas ma kienx determinanti ghal dak li gara billi l-appellat kien jaf bl-istat tat-triq u bil-perikoli li kien hemm, inkluzi t-tappieri.
L-appellanti jsemmu li mhux verosimili li l-attur kien ghaddej bl-i*speed* li semma' cjoe` ta' 25 km.f.s., li hu *speed* moderat hafna. Ix-xhud Joseph Galea jghid li l-attur

waqa’ mat-tul ta’ qisu tlett karozzi u l-mutur spicca ftit ’il boghod (daqs zewg metri) mill-attur, bejn l-attur u t-tappieri (fol. 161). Anthony Grech, hu l-attur, ighid li ra l-*motor-cycle* jahbat mat-tappiera u huh itir bicca, b’mod li l-mutur spicca ghalih u huh spicca ghalih. L-appellanti ghalhekk jigbdu l-konkluzzjoni li l-appellat kien ghaddej bi *speed* qawwi biex tar b’dak il-mod. Il-Qorti izda hawn mhix konvinta li l-attur kien ghaddej bi *speed*. Hi ma taqbilx li ghax l-attur tar mill-mutur  necessarjament hu kien ghaddej bi *speed* qawwi. Il-fatt li l-mutur spicca ftit il-boghod jista’ jkun dovut ghal fatt li mutur ma jieqafx bhal karozza imma jibqa’ jitkaxkar. Inoltre dak li qalu x-xhieda mhux necessarjament huwa preciz matematikament. F’dan il-kaz it-tort ta’ l-appellat ma kienx ghax kien ghaddej bi *speed* eccessiv imma ghax ma kienx qed izomm *proper lookout* u ma rax dak li kien ragjonevolment vizibbli mehud kont tal-kundizzjonjiet u cirkostanzi tat-triq u l-istat li kienet fih. Ghalhekk il-Qorti taqbel ma’ l-espert li l-attur appellat ghandu jgorr terz mit-tort.

## Responsabbilita` ta’ Gatt Asphalting Limited

L-appellanti Gatt Asphalting Limited tissottometti fl-aggravju taghha dwar ir-responsabbilita` ghall-incident li hi ma kellha ebda htija ghall-akkadut.
L-ewwel Qorti kienet qablet ma’ l-espert minnha nominat li:

“Il-fatt li t-tappieri f'din it-triq rriżultaw li tħallaw b'xifer jew ħniek 'l fuq mill-livell tat-triq, wara t-tqaxxir f'għoli ta' iktar minn tlett pulzieri mingħajr ebda sinjali, wassal lill-perit legali jikkonkludi li kien hemm nuqqas kbir da parti tas-soċjeta` "Gatt Asphalting Limited". Ma kienx biżżejjed li jkun hemm *barriers* fiż-żewġt itruf tat-triq, speċjalment meta kien inevitabbli għan-nies li kellhom il-proprjeta` tagħhom f'dik it-triq, bħal ma kien fil-każ preżenti, li jidħlu u joħorġu minnha regolarment. Fi kliemu dan: "*Kien periklu kostanti li juri nonkuranza għall-ħarsien tan-nies da parti ta' din is-soċjeta`. Mhux biss kellu jkun hemm sinjali, iżda*

*kellu jitħares li dawn ikunu tali li ma jistgħux jiġu rimossi."* [28]

Din il-Qorti ftit li xejn ghandha x'izid ma' dak li qalet l-ewwel Qorti u l-espert minnha nominat dwar il-htija ta' din l-appellanti. Ix-xoghol kien thalla inkompletat ghal ghadd ta' gimghat; ghalhekk it-traskuragni tas-socjeta` ma kienitx wahda momentarja u r-residenti tat-triq jew min kellu garaxx baqa' juza din it-triq. Kien perikoluz li l-appellanti thalli t-tappieri bix-xifer mikxuf 'l fuq xi tlett pulzieri mill-livell tat-triq wara li dina tqaxxret u li dawn it-tappieri jithallew minghajr sinjali. L-appellanti kellha mhux biss l-obbligu li taghmel is-sinjali imma anke li tara li dawk is-sinjali ma jitnehhewx, aktar u aktar meta kellha ndikazzjoni cara li s-sinjali li kienet qed thalli hemm kienu qed jigu mcaqilqa jew imnehhija.

Din il-Qorti regghet ezaminat il-provi u x-xhieda li gew prodotti f'dan ir-rigward u taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti dwar ir-responsabbilta` ta' Gatt Asphalting Limited.

**Responsabbilta` Kunsill Lokali Victoria**

Il-konvenut Kunsill Lokali Victoria wkoll qed jikkontesta r-responsabbilita` tieghu ghal dan l-incident u fl-aggravju tieghu qed jikkontendi li ma kien hemm ebda negligenza jew imprudenza da parti tieghu; anzi jghid li jirrizulta li hu ha l-mizuri kollha necessarji biex isegwi l-andament tax-xoghol u jassigura ruhu li t-triq ma kienitx qed tesponi l-pubbliku ghall-perikolu.

F'dan ir-rigward l-ewwel Qorti ma kienitx qablet ma' l-espert minnha nominat li kien ikkonkluda li l-Kunsill Lokali kien ta appalt lill-kuntrattur u kien dover tieghu li jahseb ghall-ezekuzzjoni ta' l-appalt, ibda mill-otteniment tal-permessi komprizi *inter alia* l-mizuri ta' *safety*. L-ewwel Qorti ma qablitx ma' din il-konkluzzjoni billi sostniet li skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, hija kienet aktar

[28] ara para. 81 tar-rapport peritali a fol. 127 tal-process.

inklinata li xorta waħda takkolla ħtija fuq entita` pubblika, f'ċirkostanzi simili, minkejja illi tkun tefgħet l-obbligi konnessi ma' l-ezekuzzjoni tal-kuntratt kollha fuq il-kuntrattur. L-ewwel Qorti ghalhekk iddecidiet li kien hemm nuqqas ukoll min-naha tal-Kunsill Lokali billi ghalkemm irrizulta li kien hemm perikolu huma ma hadux il-mizuri necessarji fic-cirkostanzi.

L-appalt *de quo* sar bis-sahha ta’ kuntratt bejn il-Kunsill u l-kuntrattur (Gatt Asphalting Limited). L-incident ma garax minhabba xi nuqqas kontrattwali bhala tali imma minn delitt jew kwazi-delitt. Skond Anton Zammit il-lant tax-xoghol kien kompletament fir-responsabblita` tal-kuntrattur kif jidher mill-*General Conditions* tal-ftehim {ara kundizzjonijiet 21 (a sa d) 15(d) u 223(b)}. Skond il-Kunsill, il-kuntrattur kellu l-obbligu dwar *“safety”* li jaghmel is-sinjali u l-unika tabella li kellhu jaghmel il-Kunsill kien dik li tghid “Xoghol tal-Kunsill” u mhux avvertimenti ohra dwar perikolu.

Din il-Qorti taqbel ma’ l-ewwel Qorti li f’dan il-kaz, ghalkemm ix-xoghol attwalment sar mill-kuntrattur, il-Kunsill Lokali xorta kien baqghalu l-obbligu li jara li l-kuntratt jigi esegwit minghajr ma jinholoq perikolu ghall-pubbliku, u li jekk jirrizultalu li hemm xi nuqqas kellu jiehu dawk il-mizuri kollha biex jirrimedja s-sitwazzjoni (ara **Elvira Abela v. Prim Ministru et** App Civ 30/12/1994). Fil-kaz in ezami l-Kunsill Lokali kien jaf li x-xoghol ma kienx ghadu kompletat, ghalkemm kienu ghaddew diversi gimghat. Hu kellu lil William Mc Goey, *contracts manager*, li kien qed jissorvelja x-xoghol u kien qed jaghmilha ta’ *liason officer* mal-kuntrattur. Qabel l-incident dan kien izur is-sit kuljum, u kien jaf li kien hemm il-perikolu. Ghalkemm hu jghid li *“Had I noticed something unsafe I would have reported to Council”* fl-istess waqt ighid ukoll li *“The street was full of dangerous things. I would not have used it”* (Fol. 149). Il-Kunsill ghalhekk hu responsabbli wkoll ghall-akkadut billi messu ssorvelja aktar meta kien evidenti li t-triq kienet ghada qed tintuza mill-pubbliku ghalkemm ix-xoghol ma kienx ghadu kompletat u bil-perikolu li dan igib mieghu.

**Danni**

Iz-zewg appellanti ressqu l-istess aggravji dwar il-likwdazzjoni tad-danni - kemm ghar-rigward tal-paga li suppost kien jaqla’ l-attur George Grech kif ukoll fir-rigward tal-percentwali ta’ dizabbilita`. Huma ssottomettew li ma saret l-ebda prova dwar l-introjtu li kellu l-attur, u l-ewwel Qorti messha almenu fin-nuqqas ta’ prova ohra kkalkolat fuq il-paga minima nazzjonali. Dwar id-disabbilita` l-appellanti jirritjenu li ma giex pruvat li din id-disabblita` kienet kagunata direttament bl-incident in kwistjoni anzi jsostnu li probabilment din kienet attribwibbli ghal xi cirkustanza ohra indipendenti mill-incident.

Il-Qorti taqbel ma’ l-appellanti li fin-nuqqas ta’ prova da parti ta’ l-appellat dwar l-introjtu tieghu, l-ewwel Qorti messha bbazat il-kalkolu taghha fuq il-paga minima nazzjonali u mhux fuq paga li ma giet stabbilita minn imkien. L-appellat qatt ma pprezenta kopja ta’ l-*income tax return* tieghu jew xi dokumenti ohra dwar is-salarju tieghu. Min-naha l-ohra pero` jidher li l-espert nominat mill-ewwel Qorti ma ghamilx *allowance* ghal inflazzjoni u zidiet ohra li kien ikun intitolat ghalihom biz-zmien l-attur; ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li meta tiehu kollox in konsiderazzjoni l-ammont ta’ Lm6,000 ghandu jibqa’ kif inhu.
Kwantu ghad-dizabbilita` li l-appellanti qed jilmentaw dwarha, din il-Qorti hi tal-fehma li dwar il-griehi li garrab l-appellat hemm ir-relazzjoni ta’ Dr. Farrugia, il-Konsultent tal-ENT. Dwar l-allegazzjoni li seta’ kien hemm xi dizabbilita` pre-ezistenti, din il-Qorti tirrileva li ma ngabet ebda prova biex tissostanzja din l-allegazzjoni. Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellanti responsabbili ghall-incident in kwistjoni u tirriformaha fil-parti fejn sabet li l-attur ma kellu ebda tort ghall-akkadut, u minflok issibu hati ghal terz. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm6,480 jew (€15,094.34) hmistax il-elf, u erbgha u

disghin Euro u erbgha u tletin Euro centezmu. Tikkundanna lill-istess appellanti jhallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi in solidum bejniethom.

Bl-ispejjez taz-zewg istanzi kwantu ghal terz ghall-appellat u zewg terzi ghall-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------